MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2010

Numru. 703/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa’]**

**vs**

**Carmel Chircop**

**Illum, 20 ta’ Settembru 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 703/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Chircop, ta’ 60 sena, bin Alfred u Helen nee’ Demicoli, imwieled Birkirkara fit-8 ta’ Ottubru, 1949 u residenti f’Pauline

House, Triq il-Gostra, Msida u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 837249 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Ottubru, 2009 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghrif falz, u cioe' certifikati tal-VRT foloz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ta ordni ta' haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikati li klienu juru li l-vetturi ghaddew mit-test meta l-istess vetturi ma kienux jew ittestjati.

Rat l-artikoli 18, 42(a)(d) u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolmament 25(b) ta'l-Aviz Legali 126 tas-sena 1998.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke war li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri; hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 42(a)(d) u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolmament 25(b) ta'l-Aviz Legali 126 tas-sena 1998, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------